MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2010

Numru. 941/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**KONTRA**

**ENRICO CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Enrico Camilleri bin John u Giovanna nee' Galea, mwieled Luqa nhar il- 15 ta' Novembru 1965, residenti 14, Casa Bella, Triq il- Gdida, Luqa u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 544165(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Fit- 13 ta’ Settembru 2009 ghal habta tas-18.30hrs, gewwa l- Marsa u l- Hamrun, minghajr hsieb li joqtlu, jew li jqieghedu l- hajja ta’ Malcolm Schembri fil-periklu car, ikkagunaw hsara fil- gisem jew fis- sahha jew li jgib disordni fil- mohh jew igib sfregju gravi u permanenti fil- wicc, fil- ghonq jew f’ wada mill- idejn tal- offiz Malcolm Schembri kif iccertifika Dr. Rene’ Camilleri (3025) tal-isptar Mater Dei, bi skur tal- Artikolu 216 (a) (iii) u 217 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) Akkuzat ukoll talli fl- istess jum, lok u cirkostanzi kien fil- pusses, garrr jew zamm ghandu, arma li taqta’ u bil- ponta minghajr licenzja mehtiega tal- Kummissarju tal-Pulizija;

3) Akkuzat ukoll talli fl- istess jum, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Etienne Vella mill- Hamrun kif iccertifikat Dr. V. Vella Catalano MD tac- centru tas- sahha tal- Furjana;

4) Akkuzat ukoll talli fl- istess jum, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobli jew immobli fil- Boosers Bar u Revive bar gewwa l-Marsa, liema hsara tiskori l- €116.47 ai terminu tal-Artikolu 3235 (1) (c);

5) Akkuzat ukol talli fl- istess hin, jum, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il- bon ordni u l- kwiet pubbliku bl – ghajjat u glied u bi ksur tal- Artikolu 338 (bb) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fid-data u l-hin indikati meta xi hadd allegatament kissirlu hgiega tal-karozza. Ghal xi raguni mhux maghrufa – ghax ma hareg ebda dettall fuq dan – l-imputat issuspetta f' certu Etienne Vella, u fil-fatt mar ifittxu dak il-hin stess. Hu nizel gewwa hanut tax-xorb u sab lil Vella, u dawn it-tnejn gew fl-idejn. Is-sid tal-hanut, Malcolm Schembri, mar biex iferraqhom u sofra griehi. Presenti ghal din il-glieda kien hemm ukoll it-tfajla tal-imputat, Lorraine Cassar, u ftit wara dahal ukoll John Vella, missier Etienne Vella. Dawn fil-fatt xehdu u taw il-verzjoni taghhom.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat m'ghandux jinstab hati ta offiza gravi fuq Schembri, ghax ma giet prodotta ebda prova konkreta fil-konfront tal-istess imputat f' dan ir-rigward. L-anqas ma giet prodotta ebda prova li l-imputat kien fil-pussess ta' sikkina jew addirittura ta' "taser gun", kif gie akkuza ukoll l-imputat. Ghalhekk, mil-ewwel zewg imputazzjonijiet, hu ser jigi liberat. Kwantu ghat tielet imputazzjoni, li hebb ghal Vella u kkagunalu offizi hfief, din tinsab ampjament ippruvata, bhal ma hi ppruvata ukoll l-ahhar imputazzjoni, li kiser il-buon ordni u l-paci pubblika. Ghal dak li jirrigwarda r-raba' imputazzjoni, hemm ammissjoni fuqha, u l-imputat gia' halllas l-ispejjez kollha tal-hsara li hu ghamel fil-hwienet indikati.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet indikati, il-Qorti tara li l-piena idoneja f' dan il-kaz ghandha tkun liberazzjoni kundizzjonata ghal zmien sena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 216(a) (iii), 217, 221, 325 (1) (c) u 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 5 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1) u t- tieni akkuzi (2) u ghaldaqstant tilliberah minnhom.
Issibu hati tat- tielet (3), ir- raba (4) u l- hames (5) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum, ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------